REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2438

tat-12 ta' Ottubru 2015

li jistabbilixxi pjan tar-rimi għal ċertu sajd demersali fl-ilmijiet tal-Majjistral

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 15(6) u 18(1) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jimmira li progressivament jiġi eliminat ir-rimi fis-sajd kollu tal-Unjoni permezz tal-introduzzjoni ta' obbligu ta' ħatt l-art għall-qabdiet ta' speċijiet li huma soġġetti għal-limiti tal-qabda.

(2) L-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta pjanijiet tar-rimi permezz ta' atti delegati għal perjodu ta' mhux iktar minn tliet snin abbażi ta' rakkomandazzjonijiet konġunti żviluppati mill-Istati Membri b'konsultazzjoni mal-Kunsilli Konsultattivi rilevanti.

(3) Il-Belġju, l-Irlanda, Spanja, Franza, in-Netherlands u r-Renju Unit għandhom interess dirett fil-ġestjoni tas-sajd fl-ilmijiet tal-Majjistral. Dawk l-Istati Membri ssottomettew rakkomandazzjoni konġunta lill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kunsill Konsultattiv tal-Ilmijiet tal-Majjistral. Inkisbet kontribuzzjoni xjentifika mill-korpi xjentifiċi rilevanti u ġiet eżaminata minn STECF (il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd). Il-miżuri inklużi fir-rakkomandazzjoni konġunta jikkonformaw mal-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u għalhekk, f'konformità mal-Artikolu 18(3) ta' dak ir-Regolament, għandhom jiġu inklużi f'dan ir-Regolament.

(4) Fir-rigward tal-ilmijiet tal-Majjistral, f'konformità mal-Artikolu 15(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-obbligu ta' ħatt l-art għandu japplika għall-ispeċijiet li jiddefinixxu s-sajd li huma soġġetti għal limiti tal-qabda mill-1 ta' Jannar 2016 l-aktar tard. F'konformità mar-rakkomandazzjoni konġunta, il-pjan tar-rimi għandu jkopri sajd li jiddefinixxi s-sajd imħallat ħafna tal-bakkaljaw, il-merluzz tal-linja sewda, il-merlangu u l-pollakkju iswed, is-sajd tal-iskampu (*Nephrops*), is-sajd tal-lingwata komuni u l-barbun tat-tbajja', u s-sajd tal-merluzz mill-1 ta' Jannar 2016.

(5) Ir-rakkomandazzjoni konġunta ssuġġeriet li tiġi applikata eżenzjoni għall-obbligu ta' ħatt l-art għall-iskampu maqbud bin-nases, xbieki jew nases tal-gambli fid-diviżjoni ICES VIa u s-subżona VII, għaliex l-evidenza xjentifika turi rati għoljin ta' sopravivenza, filwaqt li jitqisu l-karatteristiċi tal-irkaptu, tal-prassi tas-sajd u tal-ekosistema. STECF ikkonkluda li l-eżenzjoni kienet ġustifikata. Għalhekk, l-eżenzjoni konċernata għandha tiġi inkluża f'dan ir-Regolament.

(6) Ir-rakkomandazzjoni konġunta tinkludi seba' eżenzjonijiet *de minimis* mill-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd u sa ċerti livelli. L-evidenza fornuta mill-Istati Membri ġiet riveduta minn STECF, li b'mod ġenerali kkonkluda li r-rakkomandazzjoni konġunta kienet tinkludi argumenti raġunati li se jkun diffiċli jinkisbu iktar żidiet fis-selettività u/jew fir-rigward tal-kostijiet sproporzjonati fil-ġestjoni ta' qabdiet mhux mixtieqa, appoġġati f'xi każijiet minn valutazzjoni kwalitattiva tal-kostijiet. Fid-dawl ta' hawn fuq u fin-nuqqas ta' informazzjoni xjentifika differenti, huwa xieraq li jkunu stabbiliti l-eżenzjonijiet *de minimis* f'konformità mal-livell ta' perċentwal propost fir-rakkomandazzjoni konġunta u f'livelli li ma jaqbżux dawk permessi skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

[1] ĠU L 354, 28.1.2013, p. 22.

(7) L-eżenzjoni *de minimis* għal-lingwata komuni, sa massimu ta' 3 % mill-2016 sal-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jużaw xbieki tal-parit u tal-għażel biex jaqbdu l-lingwata komuni fid-diviżjonijiet ICES VIId, VIIe, VIIf u VIIg, hija bbażata fuq il-fatt li huwa diffiċli ħafna li jinkisbu ż-żidiet fis-selettività. STECF ikkonkluda li l-eżenzjoni hija definita sew u għalhekk, l-eżenzjoni konċernata għandha tiġi inkluża f'dan ir-Regolament.

(8) L-eżenzjoni *de minimis* għall-merlangu, sa massimu ta' 7 % mill-2016 sal-2017 u sa massimu ta' 6 % fl-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jużaw it-tkarkir tal-qiegħ ta' inqas minn 100 mm biex jaqbdu l-merlangu fid-diviżjonijiet ICES VIId u VIIe, hija bbażata fuq il-fatt li huwa diffiċli ħafna li jinkisbu ż-żidiet fis-selettività. STECF ikkonkluda li ngħatat biżżejjed evidenza biex jappoġġa l-eżenzjoni, iżda għandha tinġieb iktar informazzjoni biex jiġi evalwat il-volum *de minimis*. Għalhekk, din l-eżenzjoni tista' tiġi inkluża fir-Regolament biss b'dispożizzjoni li titlob lill-Istati Membri konċernati jissottomettu iktar dejta lill-Kummissjoni biex tippermetti lil STECF jivvaluta kompletament il-livell tar-rimi preżenti meta mqabbel mal-volum *de minimis* mitlub.

(9) L-eżenzjoni *de minimis* għall-merlangu, sa massimu ta' 7 % mill-2016 sal-2017 u sa massimu ta' 6 % fl-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jużaw it-tkarkir tal-qiegħ ta' inqas minn 100 mm biex jaqbdu l-merlangu fid-diviżjonijiet ICES VIIb — VIIj, hija bbażata fuq il-fatt li huwa diffiċli ħafna li jinkisbu ż-żidiet fis-selettività. STECF ikkonkluda li ngħatat biżżejjed evidenza biex jappoġġa l-eżenzjoni, iżda għandha tinġieb iktar informazzjoni biex jiġi evalwat il-volum *de minimis*. STECF innota wkoll li qed isiru iktar studji dwar is-selettività. Għalhekk, din l-eżenzjoni hija inkluża fir-Regolament, b'dispożizzjoni li titlob lill-Istati Membri konċernati jissottomettu iktar dejta lill-Kummissjoni biex tippermetti lil STECF jivvaluta kompletament il-livell tar-rimi preżenti fis-sajd konċernat.

(10) L-eżenzjoni *de minimis* għall-merlangu, sa massimu ta' 7 % fl-2016 u l-2017 u sa massimu ta' 6 % fl-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jużaw it-tkarkir tal-qiegħ ta' inqas minn 100 mm biex jaqbdu l-merlangu fid-diviżjonijiet ICES VII (bl-esklużjoni ta' VIIa, VIId u VIIe), hija bbażata fuq il-fatt li huwa diffiċli ħafna li jinkisbu ż-żidiet fis-selettività. STECF innota li l-bażi għal din l-eżenzjoni għandha wisq ftit informazzjoni kwantifikata dwar is-selettività. STECF ikkonkluda li għandha tinġieb iktar informazzjoni biex tiġi evalwata din l-eżenzjoni *de minimis*. Għalhekk, din l-eżenzjoni tista' tiġi inkluża fir-Regolament biss b'dispożizzjoni li titlob lill-Istati Membri konċernati jissottomettu iktar dejta lill-Kummissjoni biex tippermetti lil STECF jivvaluta aħjar l-informazzjoni li tappoġġa din l-eżenzjoni.

(11) L-eżenzjoni *de minimis* għall-iskampu, sa massimu ta' 7 % fl-2016 u l-2017 u sa massimu ta' 6 % fl-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi minn bastimenti bl-obbligu ta' ħatt l-art l-iskampu fis-subżona ICES VII, hija bbażata fuq il-fatt li huwa diffiċli ħafna li jinkisbu ż-żidiet fis-selettività. STECF ikkonkluda li l-eżenzjoni kienet ġustifikata. Għalhekk, l-eżenzjoni konċernata għandha tiġi inkluża f'dan ir-Regolament.

(12) L-eżenzjoni *de minimis* għall-iskampu, sa massimu ta' 7 % fl-2016 u l-2017 u sa massimu ta' 6 % fl-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi minn bastimenti bl-obbligu ta' ħatt l-art l-iskampu fid-diviżjoni ICES VIa, hija bbażata fuq il-fatt li huwa diffiċli ħafna li jinkisbu ż-żidiet fis-selettività u hemm informazzjoni kwantitattiva ta' appoġġ dwar il-kostijiet sproporzjonati għall-ġestjoni ta' qabdiet mhux mixtieqa. STECF ikkonkluda li l-eżenzjoni kienet ġustifikata. Għalhekk, l-eżenzjoni konċernata għandha tiġi inkluża f'dan ir-Regolament.

(13) L-eżenzjoni *de minimis* għal-lingwata komuni, sa massimu ta' 3 % mill-2016 sal-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jużaw l-irkaptu b'iktar selettività fid-diviżjonijiet ICES VIId, VIIe, VIIf u VIIg, hija bbażata fuq il-fatt li huwa diffiċli ħafna li jinkisbu ż-żidiet fis-selettività. STECF jinnota li l-eżenzjoni għandha tikkumpensa għall-użu ta' rkaptu iktar selettiv u l-eżenzjoni *de minimis* mitluba għandha tkopri r-rimi residwu. Għalhekk, l-eżenzjoni konċernata għandha tiġi inkluża f'dan ir-Regolament.

(14) Peress li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament iħallu impatt dirett fuq l-attivitajiet ekonomiċi marbuta mal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u l-ippjanar tiegħu, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu. Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2016 sabiex ikun konformi mal-iskeda taż-żmien stabbilita fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. F'konformità mal-Artikolu 15(6) ta' dak ir-Regolament, dan ir-Regolament għandu japplika għal mhux iktar minn 3 snin,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jispeċifika d-dettalji għall-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art, previst fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, u għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2016 fl-Ilmijiet tal-Majjistral, kif definit fl-Artikolu 4(2)(c) ta' dak ir-Regolament, fis-sajd stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Eżenzjoni ta' sopravivenza

L-eżenzjoni mill-obbligu ta' ħatt l-art prevista fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għal speċijiet li l-evidenza xjentifika dwarhom turi rati għolja ta' sopravivenza għandha tapplika għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*) maqbud fin-nases, ix-xbieki jew in-nases tal-gambli (kodiċijiet tal-irkaptu [1] FPO u FIX) fid-diviżjoni ICES VIa u s-subżona VII.

Artikolu 3

Eżenzjonijiet de minimis

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jistgħu jiġu skartati l-kwantitajiet li ġejjin:

(a) għal-lingwata komuni (*Solea solea*), sa massimu ta' 3 % fl-2016, l-2017 u l-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jużaw xbieki tal-parit u tal-għażel biex jaqbdu l-lingwata komuni fid-diviżjonijiet ICES VIId, VIIe, VIIf u VIIg;

(b) għall-merlangu (*Merlangius merlangus*), sa massimu ta' 7 % fl-2016 u l-2017 u sa massimu ta' 6 % fl-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jużaw it-tkarkir tal-qiegħ ta' inqas minn 100 mm biex jaqbdu l-merlangu fid-diviżjonijiet ICES VIId u VIIe.

(c) għall-merlangu (*Merlangius merlangus*), sa massimu ta' 7 % fl-2016 u l-2017 u sa massimu ta' 6 % fl-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jużaw it-tkarkir tal-qiegħ ta' inqas minn 100 mm biex jaqbdu l-merlangu fid-diviżjonijiet ICES VIIb — VIIj.

(d) għall-merlangu (*Merlangius merlangus*), sa massimu ta' 7 % fl-2016 u l-2017 u sa massimu ta' 6 % fl-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jużaw it-tkarkir tal-qiegħ ta' inqas minn 100 mm biex jaqbdu l-merlangu fid-diviżjonijiet ICES VII, ħlief VIIa, d, u e.

(e) għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*), sa massimu ta' 7 % fl-2016 u l-2017 u sa massimu ta' 6 % fl-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi minn bastimenti bl-obbligu ta' ħatt l-art l-iskampu fis-subżona ICES VII;

(f) għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*), sa massimu ta' 7 % fl-2016 u l-2017 u sa massimu ta' 6 % fl-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi minn bastimenti bl-obbligu ta' ħatt l-art l-iskampu fid-diviżjoni ICES VIa;

(g) għal-lingwata komuni (*Solea solea*), sa massimu ta' 3 % fl-2016, l-2017 u l-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jużaw l-irkaptu b'selettività ikbar (irkaptu TBB b'daqs tal-malja ta' 80-199 mm) fid-diviżjonijiet ICES VIId, VIIe, VIIf u VIIg.

2. Sal-1 ta' Mejju 2016, l-Istati Membri li għandhom interess dirett fil-ġestjoni tal-ilmijiet tal-Majjistral għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni dejta dwar ir-rimi addizzjonali u kwalunkwe informazzjoni xjentifika rilevanti li tappoġġa l-eżenzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1(b), (c) u (d). Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) għandu jivvaluta dik id-dejta u dik l-informazzjoni sa mhux iktar tard mill-1 ta' Settembru 2016.

[1] Il-kodiċijiet tal-irkaptu użati f'dan ir-Regolament huma definiti fl-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti.

Artikolu 4

Bastimenti soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art

1. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw, f'konformità mal-kriterji stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament, il-bastimenti soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art għal kull sajda partikolari.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2015, l-Istati Membri konċernati għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħrajn, permezz tas-sit web sikur tal-kontroll tal-Unjoni, il-listi tal-bastimenti għal kull sajda partikolari stipulata fl-Anness u determinati skont il-paragrafu 1. Għandhom iżommu dawk il-listi aġġornati.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Japplika mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2018.

L-Artikolu 4 japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ottubru 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Sajd soġġett għall-obbligu ta' ħatt l-art

(a) Sajd fid-diviżjoni ICES VIa u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni ICES Vb

Sajd	Kodiċi tal-irkaptu	Deskrizzjoni tal-irkaptu tas-sajd	Daqs tal-malja	Obbligu ta' ħatt l-art
Bakkaljaw (*Gadus morhua*), Merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*), Merlangu (*Merlangius merlangus*) u Pollakkju iswed (*Pollachius virens*)	OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, TBN, TBS, TB, SX, SV, OT, PT, TX	Xbieki tat-tkarkir u Tartaruni	Kollha	Fejn it-total ta' ħatt l-art għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2013 u l-2014 jikkonsisti minn iktar minn 10 % tal-ħut mgħaddam li ġej: f'taħlita ta' bakkaljaw, merluzz tal-linja sewda, merlangu u pollakkju iswed, l-obbligu ta' ħatt l-art japplika għall-merluzz tal-linja sewda.
Skampu (*Nephrops norvegicus*)	OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, FPO, TBN, TB, TBS, SX, SV, FIX, OT, PT, TX	Xbieki tat-tkarkir, tartaruni, nases, xbieki tat-tidwir u nases tal-gambli	Kollha	Fejn it-total ta' ħatt l-art għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2013 u l-2014 jikkonsisti minn iktar minn 30 % ta' skampu, l-obbligu ta' ħatt l-art japplika għall-iskampu.

(b) Sajd b'TAC ikkombinata għas-subżoni ICES VI u VII u l-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni ICES VB għall-merluzz

Sajd	Kodiċi tal-irkaptu	Deskrizzjoni tal-irkaptu tas-sajd	Daqs tal-malja	Obbligu ta' ħatt l-art
Merluzz (*Merluccius merluccius*)	OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, TBN, TBS, TB, SX, SV, OT, PT, TX	Xbieki tat-tkarkir u Tartaruni	Kollha	Fejn it-total ta' ħatt l-art għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2013 u l-2014 jikkonsisti minn iktar minn 30 % ta' merluzz, l-obbligu ta' ħatt l-art japplika għall-merluzz.
Merluzz (*Merluccius merluccius*)	GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN	Ix-xbieki tal-għażel kollha	Kollha	Il-qabdiet kollha tal-merluzz għandhom ikunu soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art.
Merluzz (*Merluccius merluccius*)	LL, LLS, LLD, LX, LTL, LHP, LHM	Il-konzijiet kollha	Kollha	Il-qabdiet kollha tal-merluzz għandhom ikunu soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art.

(c) Sajd bit-TAC li tkopri s-subżona ICES VII għall-iskampu

Sajd	Kodiċi tal-irkaptu	Deskrizzjoni tal-irkaptu tas-sajd	Daqs tal-malja	Obbligu ta' ħatt l-art
Skampu (*Nephrops norvegicus*)	OTB SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, FPO, TBN, TB, TBS, SX, SV, FIX, OT, PT, TX	Xbieki tat-tkarkir, tartaruni, nases, xbieki tat-tidwir u nases tal-gambli	Kollha	Fejn it-total ta' ħatt l-art għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2013 u l-2014 jikkonsisti minn iktar minn 30 % ta' skampu, l-obbligu ta' ħatt l-art japplika għall-iskampu.

(d) Sajd fid-diviżjoni ICES VIIa

Sajd	Kodiċi tal-irkaptu	Irkaptu tas-sajd	Daqs tal-malja	Obbligu ta' ħatt l-art
Bakkaljaw (*Gadus morhua*), Merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*), Merlangu (*Merlangius merlangus*) u Pollakkju iswed (*Pollachius virens*)	OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, TBN, TBS, TB, SX, SV, OT, PT, TX	Xbieki tat-tkarkir u Tartaruni	Kollha	Fejn it-total ta' ħatt l-art għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2013 u l-2014 jikkonsisti minn iktar minn 10 % tal-ħut mgħaddam li ġej: f'taħlita ta' bakkaljaw, merluzz tal-linja sewda, merlangu u pollakkju iswed, l-obbligu ta' ħatt l-art japplika għall-merluzz tal-linja sewda.

(d) Sajd fid-diviżjoni ICES VIId.

Sajd	Kodiċi tal-irkaptu	Irkaptu tas-sajd	Daqs tal-malja	Obbligu ta' ħatt l-art
Lingwata komuni (*Solea solea*)	TBB	Ix-xbieki tat-tkarkir bi travu kollha.	Kollha	Il-qabdiet kollha tal-lingwata komuni għandhom ikunu soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art.
Lingwata komuni (*Solea solea*)	OTT, OTB, TBS, TBN, TB, PTB, OT, PT, TX	Xbieki tat-tkarkir	< 100 mm	Fejn it-total ta' ħatt l-art għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2013 u l-2014 jikkonsisti minn iktar minn 5 % tal-lingwata komuni, l-obbligu ta' ħatt l-art japplika għal-lingwata komuni.
Lingwata komuni (*Solea solea*)	GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN	Ix-xbieki tal-parit u l-għażel kollha	Kollha	Il-qabdiet kollha tal-lingwata komuni għandhom ikunu soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art.
Bakkaljaw (*Gadus morhua*), Merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*), Merlangu (*Merlangius merlangus*) u Pollakkju iswed (*Pollachius virens*)	OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, TBN, TBS, TB, SX, SV, OT, PT, TX	Xbieki tat-tkarkir u Tartaruni	Kollha	Fejn it-total ta' ħatt l-art għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2013 u l-2014 jikkonsisti minn iktar minn 25 % tal-ħut mgħaddam li ġej: f'taħlita ta' bakkaljaw, merluzz tal-linja sewda, merlangu u pollakkju iswed, l-obbligu ta' ħatt l-art japplika għall-merlangu.

(f) Sajd fid-diviżjoni ICES VIIe — lingwata komuni

Sajd	Kodiċi tal-irkaptu	Irkaptu tas-sajd	Daqs tal-malja	Obbligu ta' ħatt l-art
Lingwata komuni (*Solea solea*)	TBB	Ix-xbieki tat-tkarkir bi travu kollha.	Kollha	Fejn it-total ta' ħatt l-art għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2013 u l-2014 jikkonsisti minn iktar minn 10 % tal-lingwata komuni, l-obbligu ta' ħatt l-art japplika għal-lingwata komuni.
Lingwata komuni (*Solea solea*)	GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN	Ix-xbieki tal-parit u l-għażel kollha	Kollha	Il-qabdiet kollha tal-lingwata komuni għandhom ikunu soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art.

(g) Sajd fid-diviżjonijiet ICES VIIb, VIIc u VIIf — VIIk

Sajd	Kodiċi tal-irkaptu	Irkaptu tas-sajd	Daqs tal-malja	Obbligu ta' ħatt l-art
Lingwata komuni (*Solea solea*)	TBB	Ix-xbieki tat-tkarkir bi travu kollha.	Kollha	Fejn it-total ta' ħatt l-art għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2013 u l-2014 jikkonsisti minn iktar minn 5 % tal-lingwata komuni, l-obbligu ta' ħatt l-art japplika għal-lingwata komuni.
Lingwata komuni (*Solea solea*)	GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN	Ix-xbieki tal-parit u l-għażel kollha	Kollha	Il-qabdiet kollha tal-lingwata komuni għandhom ikunu soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art.

(h) Sajd fid-diviżjonijiet ICES VIIb, VIIc u VIIf — VIIk

Sajd	Kodiċi tal-irkaptu	Irkaptu tas-sajd	Daqs tal-malja	Obbligu ta' ħatt l-art
Bakkaljaw (*Gadus morhua*), Merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*), Merlangu (*Merlangius merlangus*) u Pollakkju iswed (*Pollachius virens*)	OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, TBN, TBS, TB, SX, SV, OT, PT, TX	Xbieki tat-tkarkir u Tartaruni	Kollha	Fejn it-total ta' ħatt l-art għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2013 u l-2014 jikkonsisti minn iktar minn 25 % tal-ħut mgħaddam li ġej: f'taħlita ta' bakkaljaw, merluzz tal-linja sewda, merlangu u pollakkju iswed, l-obbligu ta' ħatt l-art japplika għall-merlangu.